MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CONSUELO-PILAR SCERRI HERRERA

Seduta tas-16 ta' Marzu, 2006

Numru. 31/2006

**Il-Pulizija**
**Spettur Antonello Grech**

**v**

**JOSEPH PORTELLI bin Saviour u Mary nee' Sammut, imwieled fil-hamsa ta' Awissu 1949 u residenti 64 Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 66849(G).**

**Il-Qorti;**

Rat illi l-imputat **JOSEPH PORTELLI** bin Saviour u Mary nee' Sammut, imwieled fil-hamsa ta' Awissu 1949 u residenti 64 Triq il-Knisja, Nadur, Ghawdex, detentur tal-karta tal-identita numru 66849(G), gie mressaq quddiemha u akkuzat talli fl-erbgha w ghoxrin [24] ta'

Ottubru, 2005 ghal habta tas-saghtejn neqsin kwart ta' wara nofsinhar, waqt li kien fl-inhawi ta' Majsa limiti tan-Nadur, Ghawdex;

1. Kiser il-bon ordni u l-paci pubblika bl-ghajjat u glied;

2. Talli fl-istess data, hin u lok ingurja u hedded bil-kliem lil Peter Paul Portelli;

3. Minhghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkaguna griehi ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' Peter Paul Portelli skond ma iccertifika Dr. Mario Saliba MD;

4. Minghajr ma darab jew sawwat, hedded bil-gebel jew hwejjeg ohra iebsin, jew waddabhom jew qabad armi ohra kontra n-nies.

Il-Qorti giet gentilment mitluba li f'kaz ta' htija barra l-piena stabbilita tapplika ukoll l-Art 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda prodotta mill-Prosekuzzjoni u cioe lil PS 567 Teddy Bajada, Yvonne Debono, PS 261 Raymond Caruana, PC 1075 Joseph Micallef, Carmen Vella, Evelyn Portelli kif wkoll lil imputat jixhed minn jeddu b'mod voluntarju.

Ikkunsidrat:

Illi mill-provi prodotta l-akkuzi jirrizultaw ppruvati b'mod sodisfacenti.

**Il-Qorti** ghalhekk, wara li rat l-artikoli tal-ligi partikolarment l-artikolu 338(dd), 339(1)(e), 221 u 339(1)(b) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, **tiddikjara li ssib lil imputat JOSEPH PORTELLI hati tal-akkuzi kif dedotti fil-konfront tieghu u tikkundannah ghal hlas ta' multa komplessiva ta' sittin [60] lira maltin.**

**Tordna lil imputat ma jimmolestax u ma jingurjax lil Peter Paul Portelli ghal perjodu ta' sena mill-lum taht penali ta' mitt lira maltin fin-nuqqas ai termini tal-artikolu 383 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------